

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 892/2007

tas-26 ta' Lulju 2007

dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni tar-ross skond il-kwoti tariffarji miftuħa għall-perjodu sekondarju ta' Lulju 2007 bir-Regolament (KE) Nru 327/98

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Frar 2006 li jstabilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji ta' importazzjoni għall-prodotti agrikoli mħaddma b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(2) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 327/98 ta' l-10 ta' Frar 1998 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur ⁽³⁾, u partikolarment l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 327/98 fetaħ u pprovda għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni tar-ross u r-ross miksur, imqasma skond il-pajjiż ta' l-oriġini u mqasma f'diversi perjodi sekondarji skond l-Anness IX tar-Regolament.
- (2) Lulju huwa t-tielet perjodu sekondarju għall-kwota stabbilita f'Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 327/98, u t-tieni perjodu sekondarju għall-kwoti stabbiliti f'Artikolu 1(1)(b), (ċ) u (d).
- (3) In-notifiki preżentati skond l-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 327/98 juru li, għall-kwoti bin-numru

tas-serje 09.4154, 09.4116 u 09.4166, skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament l-applikazzjonijiet magħmula fl-ewwel 10 ijiem ta' xogħol ta' Lulju 2007 jkopru kwantità akbar minn dawk disponibbli. Huwa għalhekk xieraq li jiġi ddeterminat kemm jistgħu jinħarġu liċenzji billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li jrid jiġi applikat lill-kwantitajiet mitluba skond il-kwoti konċernati.

- (4) Minn notifiki huwa ukoll ċar li, għall-kwoti bin-numru tas-serje 09.4127, 09.4128, 09.4129, 09.4149, 09.4150, 09.4152 u 09.4153 l-applikazzjonijiet magħmula fl-ewwel 10 ijiem ta' xogħol ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ikopru kwantità anqas minn [jew daqs ta'] dawk disponibbli.
- (5) Il-kwantitajiet totali disponibbli għall-perjodu sekondarju li jsegwi għandhom għalhekk jiġu stabbiliti għall-kwoti bin-numru tas-serje 09.4127, 09.4128, 09.4129, 09.4130, 09.4148, 09.4112, 09.4116, 09.4117, 09.4118, 09.4119 u 09.4166, skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 327/98,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-applikazzjonijiet ta' liċenzji għall-importazzjoni tar-ross skond il-kwoti bin-numru tas-serje 09.4154, 09.4116 u 09.4166 kif imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 327/98 magħmulin fl-ewwel 10 ijiem ta' xogħol ta' Lulju 2007, il-liċenzji għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet mitluba, immultiplikati bil-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet totali disponibbli skond il-kwoti bin-numru tas-serje 09.4127, 09.4128, 09.4129, 09.4130, 09.4148, 09.4112, 09.4116, 09.4117, 09.4118, 09.4119 u 09.4166, kif imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 327/98 għall-perjodu sekondarju li jmiss huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

⁽³⁾ ĠU L 37, 11.2.1998, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2019/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 48).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNEX

Kwantitajiet li għandhom jiġu allokat i għall-perjodu sekondarju ta' Lulju 2007 u l-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu sekondarju li jsegwi skond ir-Regolament (KE) Nru 327/98:

- (a) Kwota ta' ross mitħun jew nofsu mitħun li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 30, prevista fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 327/98

Orìgini	Numru ta' serje	Koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-perjodu sekondarju ta' Lulju 2007	Kwantitajiet totali disponibbli għall-perjodu sekondarju ta' Settembru 2007 (kg)
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	09.4127	— ⁽²⁾	19 578 285
It-Tajlandja	09.4128	— ⁽²⁾	1 233 332
L-Awstralja	09.4129	— ⁽²⁾	305 500
Orìgini oħrajn	09.4130	— ⁽³⁾	7 319

- (b) Kwota ta' ross bil-qoxra li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 20, prevista fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 327/98

Orìgini	Numru ta' serje	Koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-perjodu sekondarju ta' Lulju 2007	Kwantitajiet totali disponibbli għall-perjodu sekondarju ta' Ottubru 2007 (kg)
Il-pajjiżi kollha	09.4148	— ⁽³⁾	60 728

- (c) Kwota ta' ross miksuri li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 40, prevista fl-Artikolu 1(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 327/98

Orìgini	Numru ta' serje	Koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-perjodu sekondarju ta' Lulju 2007
It-Tajlandja	09.4149	— ⁽²⁾
L-Awstralja	09.4150	— ⁽¹⁾
Il-Guyana	09.4152	— ⁽¹⁾
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	09.4153	— ⁽²⁾
Orìgini oħrajn	09.4154	1,809 392 %

(d) Kwota ta' ross mitħun kollu jew nofsu mitħun li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 30, prevista fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 327/98

Orìgini	Numru ta' serje	Koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-perjodu sekondarju ta' Lulju 2007	Kwantitajiet totali disponibbli għall-perjodu sekondarju ta' Settembru 2007 (kg)
It-Tajlandja	09.4112	— ⁽³⁾	7 344
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	09.4116	3,329173 %	0
L-Indja	09.4117	— ⁽³⁾	36 522
Il-Pakistan	09.4118	— ⁽³⁾	4 521
Orìgini oħrajn	09.4119	— ⁽³⁾	58 099
Il-pajjiżi kollha	09.4166	1,218315 %	0

(1) L-ebda applikazzjoni għal koeffiċjent ta' allokkazzjoni għal dan il-perjodu sekondarju: l-ebda applikazzjonijiet ta' liċenzji ma ġew notifikati lill-Kummissjoni.

(2) L-ebda applikazzjoni għal koeffiċjent ta' allokkazzjoni għal dan il-perjodu sekondarju: l-applikazzjonijiet jkopru kwantitajiet anqas minn jew daqs tal-kwantitajiet disponibbli.

(3) aktar kwantità disponibbli għal dan il-perjodu sekondarju